VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,920, 25 ta' Mejju, 2012
Taqsima B

A.L. 177 tal-2012

ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (KAP. 490)
Regolamenti tal-2012 dwar l-Estensjoni tal-Ġurisdizzjoni tat-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva (Organizzazzjonijiet Volontarji)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 21 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, il-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu the Regolamenti tal-2012 dwar l-Estensjoni tal-Ġurisdizzjoni tat-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva (Organizzazzjonijiet Volontarji).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jiġu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2012.

Emenda tal-leġislazzjoni fl-Iskeda.

2. Il-leġislazzjoni msemmija fl-Ewwel Kolonna tal-Iskeda ta' dawn ir-regolamenti għandu jkollha effett skont l-emendi speċifikati fit-Tieni Kolonna tagħha.

SKEDA
Emenda tal-leġislazzjoni

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
Liġi	*Emenda*
Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, Kap. 492.	1. L-artikolu 2(1) għandu jiġi emendat kif ġej: (a) it-tifsira "Bord ta' l-Appell" fl-artikolu 2 tiegħu għandha tiġi mħassra; u (b) minnufih wara t-tifsira "statut" fl-artikolu 2 tiegħu għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja: " "Tribunal" tfisser it-Tribunal Tar-Reviżjoni Amministrattiva stabbilit bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, Kap. 490 ". 2. Il-kliem "il-Bord ta' l-Appell", fil-proviso tal-artikolu 11(2) u fl-artikolu 11(3) kull fejn jidhru għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "it-Tribunal" u fl-istess artikolu 11(3) il-kliem "l-Bord" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "t-Tribunal".

VERŻJONI ELETTRONIKA

3. Il-kliem "il-Bord ta' l-Appell" fl-artikolu 17 għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "it-Tribunal".

4. Il-kliem "il-Bord ta' l-Appell" fis-subartikoli (1), (1)(b), (3), (4), (5), (7), u (8) tal-artikolu 19 kull fejn jidhru għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "it-Tribunal" u fis-subartikoli (6) u (9) tal-istess artikolu l-kliem "mill-Bord ta' l-Appell" għandhom jiġu sostitwiti l-kliem "mit-Tribunal".

5. Il-kliem "il-Bord ta' l-Appell", kull fejn jidhru fl-artikolu 20(3) u 20(4) għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "it-Tribunal" u fil-proviso tal-artikolu 20(3) il-kliem "mill-Bord ta' l-Appell" għandhom jiġu sostitwiti l-kliem "mit-Tribunal".

6. Il-kliem "il-Bord ta' l-Appell", kull fejn jidhru fl-artikolu 21(4) u 21(5) għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "it-Tribunal".

7. Il-kliem "il-Bord ta' l-Appell" fl-artikolu 22(1)(ċ) u 22(2)(b) kull fejn jidhru fl-artikolu għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "it-Tribunal".

8. It-titolu tat-Taqsima V għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"TAQSIMA V DWAR L-APPELLI TAT-TRIBUNAL TAR-REVIŻJONI AM-MININISTRATTIVA".

9. L-artikolu 23 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Tribunal tar-Reviżjoni Ammininistrattiva.

23. (1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkun kompetenti biex jisma u jiddeċiedi appelli skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 25.

Kap. 490

(2) Id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, sa fejn japplikaw għat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, għandhom japplikaw għal kull proċediment quddiem l-imsemmi Tribunal u l-kliem "amministrazzjoni pubblika" f'dak l-Att għandhom jinftiehmu bħala referenza għall-Kummissarju.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Kap. 490

(3) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 25 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandhom japplikaw għal għal kull proċediment pendenti quddiem il-Bord ta' Appell u kull proċediment għandu jiġi assenjat lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont l-artikolu 25 imsemmi hawn qabel b'effett mill-1 ta' Mejju, 2012.".

10. L-artikolu 24 għandhu jiġi sostitwiti b'dan li ġej:

"Ġurisdizzjoni.

24. It-Tribunal għandu jkollu ġurisdizzjoni fir-rigward ta' kull ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew kull ksur ta' xi regolamenti magħmula taħtha meta ksur bħal dan ma jikkostitwix reat kriminali.".

11. Il-kliem "fil-Bord ta' l-Appell", kull fejn jidhru fl-artikolu 25(2) u (3) għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fit-Tribunal", fl-artikolu 25(4) il-kliem "Il-Bord ta' l-Appell" u "il-Bord" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "It-Tribunal" u "it-Tribunal" rispettivament u fl-artikolu 25(5) il-kliem "il-Bord" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "it-Tribunal".

12. L-artikolu 26 għandu jiġi sostitwiti b'dan li ġej:

"Konformità.

26. Meta jkun hemm konformità ma' xi istruzzjonijiet tal-Kummissarju jew ma' deċiżjoni tat-Tribunal ma għandhux jigi interpretat bħala rinunzja tad-dritt għal rimedju ġudizzjarju tad-deċiżjoni tal-Kummissarju jew tat-Tribunal.".

13. Il-kliem "il-Bord ta' l-Appell" u "mill-Bord ta' l-Appell" fl-artikolu 34(5) għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "it-Tribunal" u "mit-Tribunal" rispettivament.

14. Il-kliem "il-Bord ta' l-Appell" fl-artikolu 38(6) għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "it-Tribunal".

15. Il-kliem "il-Bord ta' l-Appell" fil-proviso tal-artikolu 41(3) għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "it-Tribunal".

16. Il-kliem "tal-Bord ta' l-Appell" fl-artikolu 42(1)(*l*) għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tat-Tribunal".